IL-MALTI
QARI LI TOHROQ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
SETTEMBRU 1959

# *DEMM GDID*

*DLONK tisma' min igħidlek: "Hemm bżonn ta' demm ġdid" u dawn il-kelmiet ġie li nisimgħuhom l-iktar meta xi ħadd jara li fost l-ixirka ta' għaqda amministrattiva, letterarja, xjentifika, industrjali, finanzjarja, jew organizzazzjonijiet oħra tidħol l-apatija, il-bruda li tkun ġejja, kif iktarx jagħtik x'taħseb, mill-inerzja ta' xi wħud li kienu saħansitra l-benneija, l-organizzaturi jew il-veterani ta' dik il-għaqda jew organizzazzjoni.*

*Din l-apatija, inerzja, jew bruda tista' tkun ġejja wkoll minn xi motiv jew ieħor, ngħidu aħna, xjuħija jew għeja, iżda xi minn daqqiet ukoll minn nuqqas ta' ftehim ma' sħab oħra, skopijiet indiretti mhux imwettqa, u ambizzjonijiet oħra ta' interessi individwali li ma jaqblux ma' dawk li għalihom ġiet maħluqa l-għaqda jew organizzazzjoni.*

*Għalhekk issib li meta l-għaqda, xirka jew organizzazzjoni turi f'xi żmien nuqqas ta' ħeġġa u ħajja morali, kif ukoll ta' kooperazzjoni solidali fost il-membri, nies oħra, u l-iktar dawk li għadhom fl-aħjar tagħhom, mimlijin kollhom ħeġġa għax-xogħol ta' dik il-għaqda jew xirka, u jixtiequ li jagħmlu sehem minnha, jew nies oħra, li jixtiequ r-riżq tal-ħajja ta' dik l-organizzjoni, issibhom dejjem joħorġulek b'din l-espressjoni: "Hemm bżonn ta' demm ġdid", li biha fi ftit kliem iridu jfissru li jeħtieġ l-enerġija u l-ħidma ta' żgħażagħ ħabrieka biex dik l-organizazzjoni tibqa' tgħix u tkompli timxi 'l quddiem.*

*Din l-espressjoni, għalkemm forsi ma nistgħux ingħidu li tgħodd għalkollox għall-Għaqda tagħna, iżda nistgħu ngħidu, bla ebda tlaqliq, illi biex l-Għaqda tista' titwettaq fl-iskopijiet tagħha, fil-ħidma u fl-għomor tagħha għandha bżonn ta' għajnuna jew aħjar il-ko-operazzjoni tal-membri tagħha, l-iktar ta' dawk li għandhom kariki uffiċjali u responsabbiltajiet tal-ħajja morali u materjali tal-Għaqda, u, barra minn dawn, l-għajnuna ta' xi ftit demm ġdid ta' nies li għandhom moħħ u saħħa iżjed qawwijin u ħrara iżjed għax-xogħol, l-ewħelnett għax għadhom żgħażagħ, u t-tieni l-għaliex dawn issibhom li l-interess tagħhom fil-Għaqda huwa iżjed qawwi minn ta' dawk li moħħ-*

*hom għeja jew li l-lum l-akbar interess tagħhom m'għadux fix-xogħol tal-Għaqda biss, għax l-esiġenzi tal-ħajja kibru u ċ-ċirkostanzi tbiddlu fi ħwejjeġ oħra ta' interess individwali, interess li l-lum jisboq lil dak li minnhom tistenna l-Għaqda.*

*Il-Għaqda, id-demm ġdid li sata' jiswielha qatt ma ċaħditu. Sa mill-bidunett ta' ħajjitha kienet laqgħet il-kitba ta' żgħażagħ Universitarji, u fi kliem il-President tagħha ta' dak iż-żmien, il-veteran kittieb Malti, Ġużè Muscat Azzopardi, li kien deher fi Prefazzjoni ta' Nru. ta' "Il-Malti" (bħala Żieda għas-Sena 1926), naraw li "l-ħruġ ta' dak in-Nru. Speċjali ta' "Il-Malti" kien imħolli f'idejn wieħed mill-istudenti—biex ikun kollox ta' l-istudenti li kitbu fih—studenti li wara żmien, bil-ħeġġa li dejjem kibret fih għall-poeżija Maltija, waqqaf "Leħen il-Malti", organu ta' l-Università li fih beda jidher, u għadu jidher, il-frott sabiħ mill-ġnejna letterarja Maltija tal-ġenerazzjoni l-ġdida. Għalhekk il-Għaqda ma tistmerrx la l-kitba ta' żgħażagħ bħal dawn u ta' żgħażagħ oħra li juru l-ewwelnett ħrara ġenwina, mhux imwaqqfa biss fuq prinċipji ta' qligħ ta' flus, jiġifieri ħrara ta' kitba Maltija kommerċjali u ta' ftit valur letterarju, bħalma konna u għadna forsi naraw fl-isampa ta' xi ħarbiexa tal-Malti, u t-tieni, lanqas ta' dawk iż-żgħażagħ, huma min huma, li l-kitba tagħhom tkun ta' ċertu livell ta' istruzzjoni fil-kamp letterarju, u li sehemhom, fil-kitba Maltija, ma jagħmilx għajb lill-isem tal-Għaqda.* ...

*Issa niġu għal dawk iż-żgħażagħ li huma diġà membri tal-Għaqda, jew jixtiequ jagħmlu sehem mill-Għaqda. Dawn għalina huma wkoll demm ġdid, u l-enerġija u l-ħidma tagħhom, sew fil-kitba, kemm fil-ko-operazzjoni tax-xogħol u propaganda għall-Malti huma meħtieġa biex l-Għaqda tibqa' tgħix il-ħajja li s'issa għaxet, u aktar ma jgħaddi ż-żmien minn fuqha, aktar tikber fl-importanza u ġieħ tagħha.*

*Il-Għaqda ma tistenniex minnhom sagrifiċċji kbar, imma ko-operazzjoni xierqa. Membru tal-Għaqda mhux qiegħed għall-isem biss. Ko-operazzjoni u ħidma ma tfissirx biss kitba u tħambik, suġġerimenti u osservazzjonijiet biss f'laqgħat li fl-aħħarnett jibqgħu fuq il-karta, imma xogħol u ħidma soda f'dik li hi għajnuna materjali u morali għall-ġid tal-Għaqda.*